MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MAGRI ALBERT J.

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 129/2000/1

Mario Bonnici

Vs

Patrick Cachia & Sons Limited

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fil-25 ta’ Jannar 2000 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi mis-sena 1994 sas-sena 1998 bhala *hawker* bin-numru 10317 huwa xtara kwantita’ ta’ xorb minerali, xorb iehor u prodotti ohra ta’ Simonds Farsons Cisk p.l.c. minghand is-socjeta’ konvenuta li hijwa wahda mill-agenti ta’ Farsons; illi fuq ix-xiri tal-prodotti ta’ Farsons is-socjeta’ Simonds Farsons Cisk p.l.c. ghaddiet lill-attur, tramite l-agent taghha s-socjeta’ konvenuta diversi skonti u beneficcji ohra a vantagg u gwadan taghha; illi fl-4 ta’ Mejju 1999 l-attur irritorna lis-socjeta’ konvenuta xoghol vojt ta’ xorb minerali u xorb iehor ammontanti ghall-mitejn u hamsa u erbghin lira u tlieta u tletin centezimu (LM245.33) liema somma s-

socjeta' konvenuta ghadha ma hallsitx; illi l-attur interpella inutilment lis-socjeta' konvenuta; talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara li l-attur huwa intitolat ghall-iskonti u beneficcji ohra li tatu s-socjeta' Simonds Farsons Cisk p.l.c. fuq ix-xiri ta' xorb, minerali u prodotti ohra taghha minghand is-socjeta' konvenuta ghall-perjodu mis-sena 1994 sas-sena 1999;
2. tillikwida l-iskonti u l-beneficcji l-ohra li ghaddietlu s-socjeta' Simonds Farsons Cisk p.l.c. tramite s-socjeta' konvenuta fuq ix-xiri ta' xorb minerali u prodotti ohra taghha minghand l-istess socjeta' konvenuta u li l-imsemmija socjeta' konvenuta ghaddiet minflok a vantagg u gwadan taghha;
3. tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur dik is-somma hekk likwidata dovuta lilu bhala skonti u beneficcji ohra kif fuq inghad;
4. tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' LM245.33 bhala ritorn ta' xoghol ta' xorb minerali u xorb iehor fl-4 ta' Mejju 1999.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittri interpellatorji tat-13 ta' Mejju 1999 u tal-5 ta' Gunju, 1999, ta' l-ittra ufficjali tal-5 ta' Ottubru, 1999, tar-rikors presentat kontestwalment ma din ic-citazzjoni, u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' l-istess ittra ufficjali kontra s-socjeta' konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-attur.

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta tat-18 ta' Frar 2000 li permezz taghha eccepiet:-

1. illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess attur stante li:

a) kwalunkwe beneficcju jew skont iehor li kien intitolat ghalih l-attur dejjem inghata lilu;

b) l-ammont ta' LM245.33 m'hux dovut mis-socjeta' konvenuta lill-attur stante li dan l-ammont, fuq qbil bejn il-kontendenti, kien gie maqtugh mis-socjeta' konvenuta mill-ammont ta' LM9,203.02 liema ammont huwa dovut mill-attur lis-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tas-socjeta' konvenuta.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti f'dawn il-proceduri kif ukoll dawk prodotti fil-kawza konnessa fl-ismijiet inversi li qed tigi deciza llum stess.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-10 ta' Gunju 2002 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza bil-fakolta tan-noti, liema noti ma sarux.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

L-attur kien ghamel zmien impjegat mas-socjeta' konvenut u fl-istess hin, ghall-jumejn fil-gimgha kien jahdem bhala '*self employed*' fil-kapacita' ta' hawker tal-prodotti tas-socjeta' Simonds Farsons Cisk. Ma din is-socjeta' l-attur kien dahal f'arrangament li ghall-bejgh li huwa jaghmel tal-prodotti taghha kellu jinghata "*discounts*" li jissarfu jew fi flus, jew fi prodotti jew b'mod iehor. Il-merkanzija li huwa kien jispacca bhala "*hawker"* l-attur kien jirtira minn ghand is-socjeta' konvenuta li kien l-agent ta' Farsons ghan-naha tan-Nofsinhar ta' Malta fejn kien jqassam l-attur.

Perjodikament s-socjeta' Farsons kienet tohrog "statements" li kienu juru l-ammont ta' "*discounts*" li huwa kien intitolat relatati mal-ammont u natura ta' merkanzija li huwa kien jbiegh. Dawn l-istatments kienu jintbghatu wahda lis-socjeta' konvenuta, sabiex din tkun tista' taghmel l-arrangamenti taghha ma' l-attur, u l-ohra lill-attur. Bid-differenza li l-"istatment" mibghut lis-socjeta' konvenuta kien jkollu l-ammont ta' "discount" rappresentat fi flus, filwaqt li l-istatment li kien jintbaghad lill-attur kien juri l-ammont ta' merkanzija li kien intitolat li jiehu b'xejn bi tpacija tad-discounts li kienu dovuti lilu.

L-attur ressaq rappresentanti tas-socjeta' Farsons biex jezibixxu kopji ta' dawn l-istatments minn fejn jidher li bejn l-14 ta' Marzu 1994 u t-23 ta' Marzu 1998, l-attur kien gie kreditat bis-somma ta' LM8202.378 in via ta' discounts fuq

l-merkanzija spaccata minnu. L-attur pero' jghid li huwa qatt ma irceva dawn l-ammonti dovuti lilu hlief darba fil-bidu nett fin-1994, cioe l-ewwel ammont dovut. L-attur dwar dan jghid hekk: "Fin-1994 kien tani l-ewwel wiehed. Kien ta' xi tmien mija u xi haga, kien naqqashomli mill-ircevuta. Minn dak inhar l-hawn ma tani xejn izjed." (fol 100). L-attur jghid li huwa kemm-il darba talab lis-socjeta' konvenuta tatieh l-ammonti dovuti lilu izda Patrick Cachia kien jghidlu li kien qed ifaddalhomlu.

Is-socjeta' konvenuta tghid li kull ammont li kellu jiehu l-attur inghata lilu. Minn ezami tal-provi prodotti, senjatament li statement Dok PC1 a fol 33 tal-process 1972/99 fl-ismijiet inversi, jirrizulta li effettivament kull ammont li kien dovut lill-attur kien jigi kreditat lilu fil-kont li huwa kellu mas-socjeta' konvenuta. B'dan il-mod l-attur kien qed jithallas l-"*commissions*" billi d-debitu tieghu ghall-merkanzija li huwa kien jixtri minn ghand Patrick Cachia & Co Ltd kien jitnaqqas bl-ammont dovut lilu minn Farsons. L-attur ghalhekk ma jistax jippretendi li jerga jithallas "*in contanti*" dak li gja gie kreditat bieh. Din it-talba ghalhekk ma hijiex gustifikata.

Fir-rigward tat-talba ghall-hlas tas-somma ta' LM245.33 jifi rilevat li jirrizulta li fil-mument li dan il-kreditu avvera ruhu favur l-attur, l-istess attur kien debitur tas-socjeta' konvenuta f'ammont ferm izjed superjuri, kif jirrizulta mis-sentenza li ser tinghata llum fil-kawza fl-ismijiet inversi. Konsegwentement f'dak il-mument kien hemm tpacija taz-zewg krediti sa l-ammont dovut lill-attur u in effetti l-bilanc reklamat mis-socjeta' konvenuta fil-proceduri konnessi, jidher ridott b'dan l-ammont.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-attur.

Onor Imhallef Albert J. Magri